MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 597/2007

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogate fid-drittijiet tal-assigurat taghha Carant Limited skond il-ligi u skod il-polza ta' assigurazzjoni (Claim: C 066624) u Carant Ltd**

**Vs**

**Cassar & Cooper (S&I) Ltd – C 424 u Carmelo Caruana Co Ltd C 9616, f'isimhom proprju u bhala armaturi u fornitur tal-vapur CMACGM Bellini u in rapprezentanza tal-istess.**

## I PRELIMINARI

**Ra** li s-socjeta' attrici assikuratrici u s-socjeta' assikurata attrici ressqu TALBA kontra s-socjetajiet konvenuti gharrimbors ta' sitt mija, erbgha u ghoxrin Lira hamsa u tmenin centezmi (LM624.85c) *quantum* ta' danni mgarrba konsistenti f'affarijiet neqsin minn konsenja ta' 131 *units* ta' hwejjeg li kellhom jaslu Malta minn Barcelona fil-25 ta' Lulju 2006 abbord il-vapur CMA CGM Bellini. Is-socjeta'

attrici assikuratrici hallset lis-socjeta’ l-ohra LM624.85c meta s-socjeta’ maghha assikurata (Carant Ltd) sofriet LM100 danni bhala *excess*.

**Ra** li s-socjeta’ konvenuta Cassar & Cooper (S&I) Ltd ipprezentat RISPOSTA li fiha qalet li t-talbiet kontriha ghandhom jigu michuda billi:-

i. Is-socjeta’ eccipjenti ma gietx inkarigata bit-trasport in kwistjoni izda il-konsenja giet “routed” Malta fuq bazi “freight collect” mill-ispeditur tal-merkanzija u din twasslet fil-post tas-socjeta’ eccipjenti biex tingabar mis-socjeta’ konvenuta jew rapprezentenanti taghha kif jirrizulta mill-polza tal-karigu immarkata bhala Dok CC1;

ii. Is-socjeta’ eccipjenti la ghandha u lanqas kellha rabta kontrattwali ma’ l-assigurata tas-socjeta’ attrici fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija in kwistjoni;

iii. Il-merkanzija in kwistjoni ma gietx nieqsa waqt li din kienet taht ir-responsabilita’ tas-socjeta’ konvenuta u giet rilaxxata mill-istess socjeta’ eccipjenti fl-istess stat u kundizzjoni li din ircevietha;

iv. Is-socjeta’ eccipjenti ma kellha ebda tort jew htija fir-rigward tan-nuqqasijiet reklamati u ghalhekk ma jista jkollha ebda responsabilita’;

**Ra** li s-socjeta’ konvenuta Carmelo Caruana Co. Ltd pro et noe ressqet RISPOSTA hekk:-

It-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta’ Carmelo Caruana Co Ltd in rapprezentanza tal-vapur CMA CGM Bellini ghandha (*recte*: ghandhom) tigi (*recte*: jigu) michuda stante illi l-istess m’ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attrici u/jew l-assigurat taghha Caruana Limited rigwardanti d-danni allegatament subiti.

Illi fit-tinei lok is-socjeta’ Carmelo Caruana Co Ltd f’isimha proprio u bhala armaturi u fonaturi tal-vapur CMA CGM Bellini esegwiet l-obbligi taghha skond is-sengha u l-arti, u

hija ghaldaqstant m'hix responsabbli ghad-danni allegatament subiti.

Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost kwalunkwe danni u l-valur tal-istess danni ghandhom jigu ppruvati.

**Ra** li fl-udjenza tat-13 ta' Novembru 2007 (*fol* 14 *et seq*) is-socjeta' assikuratrici attrici esebiet is-segwenti dokumenti (kopji):-

Dok GM1: *discharge/subrogation form*
Dok GM2: *pass out Cassar & Cooper (S&I) Ltd*
Dok GM3: ordni kompluta li kellha tasal Malta
Dok GM4: lista ta' oggetti li ma waslux (*a fol* 31)

**II PROVI**

**Kurt Caruana** xehed li hu Claims Handler ma GasanMamo. Carant Ltd, assikurati taghhom, ressqulhom *claim* wara li kienu sabu xi kaxxi tal-hwejjeg miftuhin u bi hwejjeg neqsin – precizament 131 *items*. Hallsu LM624.85c fuq bazi ta' *invoices*. LM100 batithom Carant Ltd bhala *excess*.

Zied hekk:-

"Fuq il-*gate pass out* ta' Cassar & Cooper kien rimarkat li kien hemm oggetti neqsin u mbaghad l-affarijiet kienu gew ippustjati mill-ewwel fil-hanut u allura ma kienx lok li jitqabbad *surveyor*"

**Marthese Gatt** kienet *Logistic Executive* ma Carant Trading Ltd u kellha tiehu hsieb konsenja ghalihom minn Spanja, minghand Puntota S.L., ta' 349 *cartons ready made clothing* permezz ta' Cassar & Cooper. Il-merkanzija waslet fil-25 ta' Lulju 2006 u ttiehdet fil-*bonds* ta' Cassar & Cooper.

Fit-8 ta' Awwissu 2006 ircevew *fax* minghand Cassar & Cooper bil-*gate pass out* relativ. Il-burdnar taghhom ta' FS Borg Co Ltd meta mar ghall-kunsenja sab rimarka fil-

*gate pass out* li tghid li mill-konsenja ta' 394 cartons, waslu 392 – b'112 bicca neqsin.

Mal-wasla ghand Carant, l-oggetti gew minnha cekkjati fil-hwienet u ghamlet lista tal-oggetti neqsin b'valur ta' LM724.85 kemm swew lilhom. Saret claim ma GasanMamo u thallsu LM624.85 u baqghu skoperti bl-*excess* ta' LM100.

In kontro-ezami qalet li ma tiftakarx Carant lil min kienu taw l-inkariku ghat-trasport. Dan inghata minn Spanja. Ghandha amment li hi l-kumpanija estera li tipprovdi l-prodott li tieghu hsieb at-trasport. Id-dokument li rcevew fit-08.08.2006 hu dak esibit *a fol* 16. Saru jafu bin-nuqqas meta l-burdnar mar ghalih. Huma ma kkommunikawx mal-kumpanija estera, li maghha kellhom relazzjoni twila u l-merkanzija dejjem waslet f'kaxxi sigillati sewwa.

Fil-prezz tal-merkanzija jkun inkluz il-*freight*.

**Chris Abdilla**, sewwieq ma FS Borg qal li f'Lulju 2006 mar Hal Far jghabbi xi xoghol ghal Carant u dan sar flimkien ma l-*bond operator* ta' Cassar & Cooper jismu Alex. Sabu xi kaxxi neqsin u ghamlu rimarka f'das-sens fuq il-pass – bil-firma tieghu fuqu.

**Saviour Borg**, burdnar mal-kumpanija taghhom FS Borg & Sons Ltd qal li meta marru fil-bonds ta' Cassar & Cooper f'Hal Far sabu xoghol miftuh u rrapurtaw dan lill-*bond operator* Alex li ha wkoll nota ta' dan. Hu kien prezenti waqt l-ghadd. In-nuqqas hu notat fid-Dok GM 2 *a foli 16.* Huma hadu l-konsenja ghand Carant, parti l-Belt u parti tas-Sliema.

**Alex Spiteri**, *bond operator* ma Cassar & Cooper, ikkonferma l-awtenticita' tad-Dok GM 2. Sabu kaxxi li kienu jindikaw li kienu "mbaghbsin" u wara sabu l-hsara. Il-*container* kien wiehed *groupage*, gej minn Spanja. Fuq dak il-vapur kellhom dak il-*container* biss. Jaghraf il-kitba tieghu fuq id-Dok GM2. Il-merkanizija gabruha ta' FS Borg, burdnara. Da parti tieghu esibixxa bhala Dok AS l-*unloading report* tieghu, fejn hi notata l-hsara msemmija.

**Joseph Gatt**, Spettur tad-Dwana mal-*Enforcement Unit* esibixxa d-dokumenti JG 1 sa 6 relativi ghall-*container* in kwistjoni. Hemm il-*bill of lading* (JG3) prodott minn Cassar & Cooper, kopja tal-minuta tal-fizzjal – Dok JG 4, kopja tal-manifest – Dok JG 5 u bhala Dok JG 6 kopja tad-*deconsolidation manifest*.

**John Galea Cavallazzi**, impjegat tad-Dwana hu nkarigat mill-*groupage bonds* f'Hal Far. Qal li ma kienx stazzjonat hemmhekk meta waslet il-merkanzija fil-25 ta' Lulju 2006 pero sata jghid, mid-dokumenti, li dik kienet merkanzija gejja ill-Unjoni Ewropea u allura bhala Dwana ma jikkontrollawx id-dhul u hrug tal-merkanzija. Mid-dokumenti taghhom la seta jikkonferma u anqas sata jichad li kien hemm xi nuqqas fil-merkanzija.

**Bernard Gauci** qal li hu direttur ta' Carant Trading Limited. Ikkonferma li kellha tasal Malta l-merkanzija li ssemmiet u meta din waslet kellha fiha nuqqasijiet. Kienu ghamlu *claim* ma GasanMamo li hallsuhom tan-nuqqas barra l-*excess*. Hemm il-firma tieghu fid-Dok BG1.

**Vincent Micallef**, Shipping Manager ma Cassar & Cooper qal li l-kumpanija tieghu ma gietx inkarigata bit-trasport tal-merkanzija in kwistjoni u anqas ma kienet agent tat-trasportatur. Il-merkanzija giet "routed" Malta fuq bazi ta' "freight collect" mill-ispeditur tal-merkanzija Punto FA, S.L minn Barcellona fuq il-bastiment CMA CGM Bellini operat minn A.G.C International S.A fuq struzzjonijiet tar-ricevitur Carant Trading Limited.

Il-merkanzija waslet Malta fil-25 ta' Lulju 2006 u kellha tingabar mill-brudnar FS Borg & Sons Limited, inkarigat minn Carant. Il-merkanzija kienet "groupage cargo" u l-*container* infetah fil-prezenza tal-*bond operator* Alex Spiteri u ta' Chris Abdilla ta' FS Borg & Sons Ltd.

Mill-ewwel irrizultaw hsarat u nuqqasijiet – ara *Unloading Report* a fol 51 u *l-Gate Pass Out – Dok GM 02*

Spicca jghid hekk:-

"Huwa evidenti illi l-merkanzija in kwistjoni ma gietx nieqsa waqt li din kient taht ir-responsabilta' tas-socjeta' Cassar & Cooper u giet rilaxxata mill-istess socjeta' fl-istess stat u kundizzjoni li din ricevitha"

In kontro-ezami ix-xhud qal li fiz-zmien in kwistjoni kienu agenti tal-kumpanija Spanjola izda meta xehed (12.05.2010) ma kienux. Kienu rcevew il-*container* issigillat fl-01.08.06 u l-*Bond Operator* Alex Spiteri innota xi difett u gharrfu lill-*consignee,* Carant Ltd bil-wasla tax-xoghol. Il-burndar ta' Carant mar fit-3 ta' Awwissu u ghaddew il-merkanzija u giet rilaxata. Ikkonferma l-awtenticita' tal-*Unloading Report*. Qal:-

"ahna ma kellna ebda kuntatt ma Carant Ltd, fil-fatt kien is-supplier li qabbad lill-AGC minghajr ma ahna nkunu nafu, biex jibghat xoghol Malta u ghalkemm il-*freight* thallset hawn Malta ahna gejna nfurmati biex nigbru l-*freight on their behalf*".

Hemm l-*unloading report a fol* 51. Is-sigill ta' barra jaghmluh l-AGC "u allura ghandi nifhem illi l-*loading* tal-istess *container* jiehu hsiebu l-AGC u dak iz-zmien ahna konna agenti ta' AGC".

<u>**Nicholai Portelli**</u> xehed li hu *commercial manager* mas-socjeta' Carmelo Caruana Company Limitd agenti tal-vapuri f'Malta. L-involviment taghhom hu bhala agenti tal-bastiment CMA CGA Bellini. Ma jkollhomx x'jaqsmu mal-*bill of lading* u f'dan imkien ma jissemmew.

## III KONSIDERAZZJONIJIET

Jigi fl-ewwel lok kunsidrat li hu assodat li l-merkanzija in kwistjoni waslet bin-nuqqas u li dan in-nuqqas kien, fil-konsistenza u fil-prezz tal-hsara, kif imfisser mix-xhieda tal-*consignee* Carant Trading Limited. Ix-xhieda ta' Marthese Gatt, dak iz-zmien Logistics Executive ma din il-kumpanija u ta' Bernard Gauci, direttur tal-istess kumpanija. Hemm imbaghad anke x-xhieda ta' Alex Spiteri, Bond Operator ta' Cassar & Cooper u ta' Chris

Abdilla u Saviour Borg ta' FS Borg & Sons Ltd, Burdnara. Hemm anke n-notament ta' dawn fuq id-Dok GM2, Gate Pass Out ta' Cassar & Cooper.

Cassar & Cooper qed jippruvat jehilsu minn kull responsabilta' billi jghidu li huma ma tqabbdux minn Carant Ltd. Fil-fatt irrizulta li kienet is-socjeta' Spanjola speditrici li baghtet il-merkanzija u dan ghamlitu permezz ta' Cassar & Cooper li kienet hi li accettat ghandha l-merkanzija fil-Bond Store taghha f'Hal Far u kienet hi li thallset tal-*freight* u *charges* ohra minghand Carant. Di piu' meta ntbaghtet il-merkanzija l-istess Cassar & Cooper kienu agenti tal-kumpanija speditrici Spanjola. Ghalhekk hi l-fehma tat-TRIBUNAL li s-socjeta' Cassar & Cooper li ghandha twiegeb ghan-nuqqas u ghad-danni mgarrba mill-atturi

Da parti tas-socjeta' Carmelo Caruana Co Ltd pro et noe ma jirrizultax li kien hemm xi sehem fir-responsabilta' ghan-nuqqas imsemmi.

**V DECIZJONI**

It-TRIBUNAL

Meqjus dak kollu imfisser hawn fuq jiddeciedi billi (1) jichad l-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta' Cassar & Cooper (S&I) Limited (2) jilqa t-talba tal-atturi u jikkundanna lis-socjeta' Cassar & Cooper (S&I Ltd) li thallas, in linea ta' danni il-*quantum* ta' sitt mija, erbgha u ghoxrin lira, hamsa u tmenin centezmi (LM624.85) issa elf, erba' mija hamsa u hamsin Ewro u hamsin centezmi (€1,455.50c) lis-socjeta' assikuratrici GasanMamo Insurance Limited u il-*quantum* ta' mitt lira (LM100) issa mitejn, tnejn u tlettin Ewro tlieta u disghin centezmi (€232.93c) lis-socjeta' Carant Ltd (3) jilqa l-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta' Carmelo Caruana Co Ltd pro et noe u jillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju (4) jikkundanna lis-socjeta' Cassar & Cooper (S&I Ltd) thallas l-imghax, fuq iz-zewg *quantum* ismemmi mill-24 ta' Lulju 2007 sal-jum tal-pagament effettiv u finalment (5)

jikkundanna lis-socjeta' Cassar & cooper (S&I Ltd) li thallas l-ispejjes kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------